MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru. 102/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Attard, 46 sena bin Francis u Pawla nee' Spiteri, imwieled Kercem, nhar it-3 ta’ Ottubru, 1964 u residenti fil-fond numru 37, Triq il-Manwala, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 38264(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l fuq imsemmi Joseph Attard li gie akkuzat talli nhar f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta Settembru 2010, ghal habta tas-sitta nieqes kwart, (1745hrs) gewwa ghalqa, ma genb il-VOR Radio Station, gewwa Kercem:

1) Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur, u cioe' *Birwina Charadrius morinellus* (Eudromias morinellus), li huwa protett taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenza li nghata tahtha u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat permezz ta' regolament 4 (a) ta' l-A.L. 39 ta' l-2007;

2) Zamm xi ghasfur, u cioe' *Birwina Charadrius morinellus* (Eudromias morinellus), kemm haj, kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u meta dak l-ghasfur ma kienx gie iddikjarat u registrat ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien inghata il-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat permezz ta' regolament 4 (a) ta' l-A.L. 39 ta' l-2007 u 3 (a) ta' l-A.L. 280 ta' l-2007;

3) Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn kien jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u meta dak l-ghasfur ma kienx migjub f' Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat permezz ta' regolament 4 (a) ta' l-A.L. 39 ta' l-2007 u 3 (b) ta' l-A.L. 280 ta' l-2007;

4) Ha jew ippruva jiehu xi ghasfur billi uza x-xbieki u dan bi ksur ta' regolament 7 (1) (e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006;

5) Ha jew ippruva jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti, u cioe' *Birwina Charadrius morinellus*

(Eudromias morinellus) u dan bi ksur ta' regolament 7 (1) (i) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006;

6) Ha jew ippruva jiehu xi ghasfur minghajr ma kellu fuqu licenza adatta ghal dik l-attivita' mahruga lilu taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' regolament 16 (b) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat b'regolament 10 (b) u 10(c) ta' l-A.L. 39 ta' l-2007;

7) Waqt l-istagun maghluq ghat-tehid ta' l-ghasafar kif jistgha jigi permess skond ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 18 (c) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006;

8) ikkaççja jew jipprova jikkaççja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza apparat elettriku jew elettroniku, billi uza tisfir irrekordjat minn qabel ta’ ghasafar u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(d) tal-Avizz Legali 79 tal-2006;

9) zamm apparat elettriku jew elettroniku li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-sub-regolament 7(1)(d) tal-Avizz Legali 79 tal-2006 u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Avizz Legali 79 tal-2006;

10) ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, irrifjuta li jaghti jew ta falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom ismu, kuljomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra ai termini tal-artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qort giet mitluba li barra li taghti l-piena skond regolament 27 (2) ta' l-Avviz Legali 79 ta' l-2006 hekk kif emendat bl-Avviz Legali 39 ta' l-2006, tordna l-konfiska tal-corpus delicti, kif ukoll is-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht l-istess regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-istess regolament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat illum stess liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat u fid-dawl tad-dokument esebiti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u il-fatt illi ikkoopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet tgahhom.
Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 4(1)(a) ta'l-Avviz Legali 79 ta'l-2006 kif emendat bir-regolament 4(a) ta'l-A.L. 39 ta'l-2007, ir-Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 ta'l-2006 kif emendat bir-regolament 4(a) ta'l-Avviz Legali 39 ta'l-2007 u 3(a) ta'l-Avviz Legali 280 ta'l-2007, ir-regolament 4(1)(f) ta'l-Avviz Legali 2006 kif emendat permezz tar-Regolament 4(a) ta'l-Avviz Legali 39 ta'l-2007 u 3(b) ta'l-Avviz Legali 280 ta'l-2007, ir-regolamenti 7(1)(e) tal-Avvzi Legali 79 ta'l-2006, ir-regolament 16(b) ta'l-Avviz Legali 79 ta'l-2006 hekk kif emendat bir-regolament 10(b) u 10(c) ta'l-Avviz Legali 39 ta'l-2007, ir-regolament 18(c) ta'l-Avviz Legali 79 ta'l-2006, ir-regolament 7(1)(d) u 7(2) ta'l-Avviz Legali 79 ta'l-2006, l-artikolu 338(g) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' tmien mitt ewro (€800) li ghandha tithallas fi tmien (8) rati mensili ta' mitt ewro (€100) il-wiehed bl-ewwel pagament ikun dovut sal-ahhar ta' Jannar, 2011.

Inoltre l-Qorti tordna l-konfiska tad-dokument C u E esebieti fl-atti tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------